**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**vs**
**Zonga Yuosa**

**Illum 26 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Zongua Yuosa, detentur tan-numru tal-pulizija 19C-044;

Akkuzat talli fil-25 ta' Lulju, 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer jew fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokumenti jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti li h kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom, u cioe' kellu fil-pussess tieghu passaport tal-aljeni Taljan falz (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

U akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti, fid-dokument fuq imsemmi gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Kap. 9, Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

U akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 26 ta' Lulju, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok DB1; person details immarkat bhala Dok DB2; stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok DB3; fotokopja tal-passaport immarkat bhala Dok DB4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-26 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat fis-sens illi ma kelliex ghalfejn izzomm iktar seduti sabiex tisma' l-provi madanakollu minkejja li huwa minnu li din hija l-ewwel darba li l-imputat huwa akkuzat u li irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-offizi li taghhom huwa irregistra ammissjoni m'ghandhomx jittiehdu b'mod legger stante li jimponu theddida fuq is-sigurta' nazzjonali.

**Decide:**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiklu 32(1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Zonga Yuosa hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u dan wara li semghet lill-istess imputat Zonga Yuosa jirregistra ammissjoni u tikkundannah ghal perjodu ta' erba' (4) xhur prigunerija effettivi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**